MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Numru 698/2006

Il-Pulizija
(Sp Louise Calleja)
vs
Anis Khalifa S Elekkari, iben Khalifa, imwieled Tripoli, Libja fis-7 ta’ ottubru, 1982

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjjoni kontra l-imputat talli fid-19 ta’ lulju, 2006 għal ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu, ġewwa San Pawl il-Baħar –
a. bi ħsieb li jagħmel delitt, u cioe’ bi vjolenza jikkometti stupru fuq il-persuna ta’ David Mangion, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma seħħ minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
b. bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li

jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil David Mangion kontra l-volonta' tiegħu u dan bħala mezz biex hu jiġi mġiegħel jagħmel xi ħaġa, jew joqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tiegħu u li b'liema żamma jew sekwestru David Mangion ġie offiż fuq il-persuna tiegħu jew imhedded bil-mewt;
c. bi vjolenza kkometta attentat vjolenti għall-pudur fuq l-imsemmi David Mangion;
d. uża vjolenza sabiex iġiegħel lill-istess David Mangion jagħmel xi ħaġa kontra l-volonta' tiegħu;
e. hedded bil-fomm lil David Mangion b'xi delitt u cioe' b'omiċidju;
f. offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku;
g. ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' David Mangion skond kif iċċertifika Dr. A. Formosa mill-Mosta Health Centre.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta' awissu, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 41(1)(a), 198 u 202(f) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 86, 87(1)(g), 88 u 89 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 207 u 202(f) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 251, 251(A), 251(B) u 251(C) tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikolu 339(e) tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikoli 214 u 221 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lill-din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' ottubru, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-19 ta' Lulju, 2006 għal ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, sar attentat ta' stupru fuq il-persuna ta' David Mangion. Dan ta' l-aħħar spejga dak kollu li kien ġralu, kif ġie issekwestrat u il-feriti li ġarrab.

Illi xehed ukoll l-imputat iżda l-versjoni tiegħu ma tistax titwemmen.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Jiġi rilevat li t-tielet akkuża hi assorbita fl-ewwel akkuża. Rat l-artikoli 41(1)(a), 198, 202(f), 86, 87(1)(ċ), 89, 209 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------